**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 241/2016 CFF**

**United Acceptances Finance Limited**
**vs**
**Carmelo Vella**
**Maria Grazia sive Grace Vella**

**Illum it-Tlieta 6 ta' Dicembru, 2016**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** tas-socjeta' attrici fejn esponiet u Patricia Hili debitament awtorizzata kkonfermat bil-gurament:

Illi permezz tal-ittra ufficjali numru 3373/2010, is-socjeta' rikorrenti rendiet esegwibbli l-kambjali ammontanti ghal EUR 745.11 annessi mal-istess ittra ufficjali ai termini tal-Artikoli 253(e) u 256(2)tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi minkejja dan, l-intimati baqghu inadempjenti u l-kambjali annessi mal-imsemmija ittra ufficjali ghadhom ma thallsux;

Illi ghaddew iktar minn hames snin minn meta dawn il-kambjali gew rezi esegwibbli skont il-ligi u ghaldaqstant, is-socjeta' rikorrenti ma tistax tipprocedi minghajr l-awtorizzazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti;

Illi ghal finijiet tal-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, is-socjeta' rikorrenti tiddikjara li l-ammont ta' EUR 745.11, flimkien mal-imghaxijiet u spejjez relattivi skont il-ligi ghadhom dovuti stante li ma sar ebda pagament relattiv ghall-kambjali hemm indikati;

Ghaldaqstant u fid-dawl tal-premess, is-socjeta' esponenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizza l-esekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv ai termini tal-Artikolu 258(c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tad-29 ta' Novembru, 2016 Dr. Leontine Calleja ghall-konvenuti ddikjarat li l-konvenuti mhux se jikkontestaw il-kawza stante li qed jikkonfermaw li l-ammont indikat fir-rikors promotur ghadu dovut.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba u tawtorizza l-esekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv ai termini tal-Artikolu 258(c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**